

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2021 – Banca Popolare di Bari vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-415/21)**

(2021/C 401/14)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

Rikorrent: Banca Popolare di Bari SpA (Bari, l-Italja) (rappreżentanti: A. Zoppini, G. Roberti, I. Perego u G. Parisi avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ģeneralu jogħġobha:

- tikkundanna lill-Unjoni Ewropa, irrapreżentata mill-Kummissjoni, tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 280 miljun bħala kumpens għad-danni materjali, kif ukoll ammont adegwat bħala kumpens għad-danni morali, ikkawżati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1208 tat-23 ta' Diċembru 2015 dwar l-ghajjnuna mill-Istat li l-Italja implimentat favur il-Banca Tercas (Każ SA.39451 (2015/C) (ex 2015/NN));
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tiegħu, ir-riktorrent jinvoka l-motivi li ġejjin.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-agħir tal-Kummissjoni.

- F'dan ir-rigward qed jiġi sostnun li dan huwa ksur suffiċċientement ikkaratterizzat peress li, fl-adozzjoni tad-deċiżjoni, il-Kummissjoni: ma kellha ebda marġni diskrezzjonal, galadbarba l-Artikolu 107(1) TFUE għandu effett dirett, preċiż u inkundizzjon; wettqet żabalji manifesti ta' evalwazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq qafas probatorju insuffiċċenti u żnaturat il-ġurisprudenza tal-Unjoni, kif ġie kkonstatat l-ewwel mill-Qorti Ģeneralu (Kawża L-Italja et vs Il-Kummissjoni, T-98/16, T-196/16 u T-198/16) u wara mill-Qorti tal-Ġustizzja (Kawża Il-Kummissjoni vs L-Italja et, C-425/19 P).
- Ir-regoli miksura mid-Deċiżjoni jikkostitwixx regoli li jagħtu drittijiet lill-individwi, b'kuntrast mal-libertà ta' intrapriża u mad-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq danni morali u materjali kkawżati lir-rikorrent minħabba l-aġir illegali tal-Kummissjoni.

- F'dan ir-rigward qed jiġi sostnun li l-fattur kawżali li jiddetermina t-tnaqqis fil-fiduċja tal-klientela tal-Bank u t-telf imġarrab minnu, fl-assenza ta' fatturi oħra possibbli preżenti, huwa rrappreżentat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni; li pprekludiet il-pjan ta' integrazzjoni ta' Tercas u Caripe u l-pjan ta' intervent tal-Fondo Interbancario di Tutela dei Depositi (FITD) (il-Fond Interbankarju ta' Ħarsien tad-Depożiti).

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2021 – Greenwich Polo Club vs EUIPO – Lifestyle Equities
(GREENWICH POLO CLUB)****(Kawża T-437/21)**

(2021/C 401/15)

*Lingwa tar-riktors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Greenwich Polo Club, Inc. (Greenwich, Connecticut, l-İstati Uniti) (rappreżentant: R. Zammit, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Lifestyle Equities CV (Amsterdam, il-Pajjiżi Baxxi)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "GREENWICH POLO CLUB" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 791 153

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Mejju 2021 fil-Każ R 300/2020-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, u li t-trade mark kontenjuža tīgħi rex-ġiekk aktar fir-rigward tal-oġġetti kontenjuži (inklużi l-kumplament tal-oġġetti li fir-rigward tagħhom ma tressaqx appell), u, sussidjarjament, li l-każ jintbagħat lura quddiem l-EUIPO sabiex dan jeżaminah mill-ġdid;
- tordna l-ħlas tal-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti b'rabta mal-appell.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2021 – Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-450/21)

(2021/C 401/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: S. Jiménez García u J. Rodríguez de la Rúa Puig, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/988 tas-16 ta' Ġunju 2021 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ġerti nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (1) fir-rigward ta' ġerti spejjeż magħmula mir-Renju ta' Spanja;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-kontrolli tal-eżatezza tal-kalkolu tal-għajnejha, inkluża l-applikazzjoni tas-sanzjoniet amministrattivi (kontroll fundamentali), l-interpetazzjoni mill-Kummissjoni tal-Artikolu 31(3) tar-Regolament ta' Delega Nru 640/2014 (2), moqrni flimkien mal-Artikolu 53(4) tar-Regolament ta' Delega Nru 639/2014 (3), hija kuntrarja għall-prinċipju ta' proporzjonalitā.